KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 9 ta' April 2014 (24.04)**
**(OR. en)**

**8604/1/14**
**REV 1**

**PUBLIC 68**
**INF 115**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL NOVEMBRU 2013 |

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Novembru 2013.[1] [2]

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, spjegazzjonijiet tal-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

---

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ikun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara li jkunu ġew iffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li tinħareġ fil-pubbliku.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:
http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts?lang=mt

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register?lang=mt

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Kunsill:
http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes?lang=mt

**INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'NOVEMBRU 2013**

**It-3271 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI) li saret fi Brussell fil-15 ta' Novembru 2013**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| Pożizzjoni (UE) Nru 11/2013 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri<br>ĠU C 360E, 10/12/2013, p. 1-48 | 13283/13 + ADD 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Pożizzjoni (UE) Nru 12/2013 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-għoti ta' setgħat delegati u ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri<br>ĠU C 360E, 10/12/2013, p. 49–65 | 13284/13 + ADD 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 1258/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 273/2004 dwar prekursuri tad-droga<br>ĠU L 330, 10/12/2013, p. 21-29 | PE-CONS 61/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Kontra: DE |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-politika tal-UE għall-SMEs**

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Kunsill ma aċċettax impenn aktar ċar lejn it-tnaqqis tal-miżati għall-SMEs u partikolarment għall-mikroimpriżi, f'konformità mal-għanijiet tal-politika tal-UE għall-SMEs. Madankollu, fi spirtu ta' kompromess u sabiex tiġi konkluża l-adozzjoni tal-emenda, il-Kummissjoni tista' taqbel mal-kompromess propost li jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw il-modulazzjoni tal-miżati li jimponu skont id-daqs tal-kumpanija.

<table>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1259/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ tal-kummerċ fil-prekursuri tad-droga bejn il-Komunità u pajjiżi terzi<br>ĠU L 330, 10/12/2013, p. 30-38</td><td>PE-CONS 71/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Kontra: DE</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar l-istatistika demografika Ewropea<br>ĠU L 330, 10/12/2013, p. 39-43</td><td>PE-CONS 88/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Astjenew: CZ, HU, SK<br>Kontra: IT</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Italja<br>L-Italja minn dejjem kienet favur ir-regolament dwar l-istatistika Ewropea dwar id-demografija sa mill-bidu tad-diskussjoni. Dan huwa kkonfermat mir-rwol attiv ħafna li r-rappreżentanti Taljani kellhom fil-laqgħat tal-grupp ta' ħidma tal-Eurostat dwar il-Popolazzjoni u ċ-Ċensiment u tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Istatistika, li saru mill-ħarifa tal-2009 'l quddiem.<br>Minkejja dan, l-Italja opponiet - u tkompli topponi - it-test tar-regolament li ħareġ mil-laqgħa tad-19 ta' Lulju tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Istatistika, kif juri dħul ta' riżerva ta' skrutinju dwar id-dossier kollu.<br>Ir-raġunijiet għalfejn l-Italja ma taqbilx mal-verżjoni tad-19 ta' Lulju tar-Regolament jinqasmu f'żewġ partijiet: l-ewwel nett, id-definizzjoni ta' “popolazzjoni abitwalment residenti” li hija f'konflitt mal-leġislazzjoni fis-seħħ fl-Italja (Regolament dwar ir-reġistru tal-popolazzjoni) u ma tassigurax il-konsistenza mar-regolamenti demografiċi Ewropej l-oħra li huma diġà fis-seħħ (jiġifieri r-Regolament 862/2007 dwar il-migrazzjoni u r-Regolament 763/2008 dwar iċ-ċensimenti nazzjonali); it-tieni, it-tneħħija de facto tal-artikolu dwar id-derogi (jiġifieri l-Artikolu 8a, approvat mill-Kunsill fis-sajf tal-2012 u sostitwit mill-Artikolu 7a dwar l-istudji tal-fattibbiltà).</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Kroazja<br>Il-Kroazja diġà esprimiet li hija tappoġġa b'mod ġenerali l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika demografika Ewropea.<br>Madankollu, il-Kroazja tixtieq tenfasizza li mhijiex ser tkun kapaċi tissodisfa l-kamp ta' applikazzjoni ta' obbligi sħiħ kif definit fl-Artikolu 3 tal-Proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq.<br>Ma ġietx miġbura data dwar twelid ħaj skont il-pajjiż tat-twelid tal-omm u data dwar imwiet skont il-pajjiż tat-twelid għall-ewwel sena ta' referenza, jiġifieri l-2013. Għalhekk, it-twassil ta' data speċifika mhux ser ikun possibbli.<br>Ir-Repubblika tal-Kroazja ser tintroduċi dawn iż-żewġ varjabbli lill-istħarriġ tal-istatistika li diġà jeżisti, u għalhekk id-data ssir disponibbli mis-sena ta' referenza 2014 'il quddiem.</td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjoni mir-Rumanija**<br>Ir-Rumanija diġà esprimiet li hija tappoġġa b'mod ġenerali l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika demografika Ewropea.<br>Madankollu, ir-Rumanija tixtieq tenfasizza, għal darb'oħra, li mhijiex ser tkun kapaċi tissodisfa l-ambitu ta' obbligi sħiħ kif definit fl-Artikolu 3 tal-Proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq.<br>Ma ġietx miġbura data dwar twelid ħaj skont il-pajjiż tat-twelid tal-omm, il-pajjiż taċ-ċittadinanza tal-omm u r-reġjun tar-residenza tal-omm u data dwar imwiet skont il-pajjiż tat-twelid għall-ewwel sena ta' referenza, jiġifieri l-2013. Għalhekk, it-twassil ta' data speċifika mhux ser ikun possibbli.<br>Ir-Rumanija introduċiet dawn l-erba' varjabbli lill-istħarriġ tal-istatistika li diġà jeżisti, u għalhekk id-data ssir disponibbli mis-sena ta' referenza 2014 'il quddiem. | | | |
| Regolament (UE) Nru 1202/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 fir-rigward tal-kwoti tariffarji għall-inbid<br>ĠU L 321, 30/11/2013, p. 1-5 | PE-CONS 92/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Pożizzjoni (UE) Nru 13/2013 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq<br>ĠU C 360E , 10/12/2013, p. 66–104 | 11523/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Kontra: DE |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**<br>Din il-proposta tal-Kummissjoni dwar it-takografu diġitali hija maħsuba biex tistabbilixxi l-effiċjenza u l-effikaċja tat-takografi u biex tiżgura li x-xufiera professjonali josservaw aktar mill-qrib ir-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ.<br>Madankollu, fil-fehma tal-Gvern Federali Ġermaniż, il-proposta m'għandhiex tirriżulta fil-fatt li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju - b'mod partikolari l-intrapriżi tal-industrija tas-snajja' – ikunu esposti għal aktar burokrazija mingħajr raġuni valida.<br>It-test ta' kompromess innegozjat bejn il-Parlament u l-Kunsill jipprevedi li tali intrapriżi jkunu eżentati jekk jużaw vettura f'raġġ ta' 100 km mis-sede tal-intrapriża. Waqt li dan huwa titjib fuq l-eżenzjoni eżistenti, li tkopri biss raġġ ta' 50 km, għal pajjiżi kbar f'termini ta' daqs, bħall-Ġermanja, id-dispożizzjoni l-ġdida hija madankollu insuffiċjenti u għalhekk mhijiex aċċettabbli. Barra minn hekk, illum, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju b'mod partikolari huma dipendenti fuq l-ilħuq ta' klijenti f'raġġ ikbar.<br>Mill-bidu tan-negozjati, il-Gvern Federali Ġermaniż kien qed jippromwovi l-estensjoni tal-eżenzjoni għal raġġ ta' 150 km. Bħala soluzzjoni ta' riżerva minima, xorta jkun aċċettabbli għall-Ġermanja jekk tal-inqas dawk l-Istati Membri li jemmnu li dan huwa neċessarju jingħataw il-possibbiltà li jestendu l-eżenzjoni għal raġġ ta' 150 km.<br>Fuq il-bażi tal-argumenti msemmija f'din id-dikjarazzjoni għall-minuti, il-Gvern Federali Ġermaniż ma jistax jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni dwar takografi diġitali fil-forma li tirriżulta mit-trilogu informali. |
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006**<br>"Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi u effettiva tal-leġislazzjoni dwar il-ħinijiet tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ, il-Kummissjoni se tkompli ssegwi mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dik il-leġislazzjoni u, fejn meħtieġ, tieħu l-inizjattivi x-xierqa." |
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar atti ta' implimentazzjoni**<br>Il-Kummissjoni tqis li atti futuri, li l-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tadotta permezz tal-att leġislattiv sabiex tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet iddettaljati għat-takografu, biljetti takografiċi u folji ta' reġistrazzjoni, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip, għandhom l-għan li jissupplimentaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-att bażiku u għalhekk għandhom ikunu atti delegati biex jiġu adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 290 tat-TFUE. Il-Kummissjoni mhux se topponi l-adozzjoni tat-test kif miftiehem mill-koleġislaturi. Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li l-kwistjoni tad-delimitazzjoni bejn l-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE qiegħda attwalment tiġi analizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ tal-"bijoċidi". |
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-Artikolu 5 (4), is-subparagrafu 2, il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011**<br>Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kontra kemm il-liġi miktuba kif ukoll l-intenzjoni tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p. 13) li jiġi invokat l-Artikolu 5 § 4, is-subparagrafu 2, il-punt b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f'każ ta' ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata ebda opinjoni. Minħabba li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5 § 4, ir-rikors għall-punt b) tas-subparagrafu 2 ma jistax jidher sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u għaldaqstant għandu jiġi ġġustifikat.<br>Filwaqt li l-Kummissjoni tinnota l-qbil li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-rikors għal din id-dispożizzjoni, jiddispjaċiha li din il-ġustifikazzjoni mhijiex riflessa fi premessa. |

<table>
<tr><td>Direttiva 2013/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2013 dwar ċerti responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera għall-konformità mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006 u l-infurzar tagħha ĠU L 329, 10/12/2013, p. 1–4</td><td>PE-CONS 43/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni<br>Il-Kummissjoni tqis li t-titlu ma jirriflettix tajjeb il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Awstrija<br>L-Awstrija hija konxja mill-importanza tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, li hija pass importanti għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-baħħara fuq il-vapuri. Għaldaqstant, l-Awstrija tilqa' l-isforzi mwettqa biex il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tiġi implimentata fl-akbar għadd ta' Stati possibbli.<br>Min-naħa l-oħra, it-trasport marittimu huwa anqas importanti għal stat mingħajr kosta bħall-Awstrija, mhux l-anqas minħabba l-fatt li r-reġistru tal-bastimenti ngħalaq għall-bastimenti kummerċjali. Għalhekk, f'dan ir-rigward, l-Awstrija ma għadhiex Stat tal-bandiera.<br>L-Awstrija b'ebda mod ma tixtieq tostakola lill-Istati Membri l-oħra, jekk huma jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu fit-tifsira tad-Direttivi proposti. Peress li l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni tirrikjedi impenn amministrattiv u finanzjarju sinifikanti, li huwa kompletament sproporzjonat għar-rilevanza tal-Konvenzjoni għall-Awstrija, l-Awstrija mhix biħsiebha tirratifika l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu.</td></tr>
<tr><td>Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 90-131</td><td>PE-CONS 41/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Kontra: BG</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Kompetenza tal-Kumitat<br>Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-adozzjoni tal-Artikolu 50(5) u (6) li għandu l-potenzjal li joħloq konfużjoni u inċertezza legali. Ir-rwol tal-Kumitati li jiżguraw il-kontroll mill-Istati Membri fuq l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni huwa definit biss permezz tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, adottat fuq il-bażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 291 tat-TFUE. Għaldaqstant, ebda att leġiżlattiv sekondarju ieħor ma jista' jbiddel jew ikun jeħtieġ jispeċifika aktar dan ir-rwol. B'mod partikolari, ir-regoli tal-proċeduri tal-kumitati huma adottati mill-kumitati fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Għalhekk, huma għandhom jiġu applikati meta l-Kumitat jeżerċita r-rwol tiegħu kif definit permezz tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Kwalunkwe referenza għar-regoli tal-proċeduri barra minn dan il-kuntest hija superfluwa u mhux xierqa. Tirriskja wkoll li tikkomplika l-funzjonament tal-kumitat.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża<br>Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja taqbel mar-riżultati tan-negozjati tat-trilogu dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali, iżda tindika li l-kompromess ma fihx rekwiżiti suffiċjenti fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost u tal-istorbju. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jiddispjaċiha li l-proposti li hija għamlet f'dan ir-rigward ma ġewx meqjusa b'mod adegwat.</td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ( 'ir-Regolament tal-IMI' )<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 132-170 | PE-CONS 57/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Astjenew: BG |
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**<br>Meta tkun qed tħejji l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 57c(2), il-Kummissjoni se tiżgura li d-dokumenti relevanti jintbagħtu b'mod simultanju, xieraq u fil-ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u se twettaq konsultazzjonijiet xierqa u trasparenti minn qabel sew, b'mod partikolari ma' esperti mill-awtoritajiet u l-korpi kompetenti, assoċjazzjonijiet professjonali u l-istabbilimenti edukattivi tal-Istati Membri kollha, u fejn xieraq ma' esperti mill-imsieħba soċjali. | | | |

**Dikjarazzjoni mill-Bulgarija**

Il-Bulgarija qed tivvota *astensjoni* fir-rigward tal-Artikolu 46 tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, b'referenza għat-tul ta' żmien tat-taħriġ tal-arkitetti, għar-raġunijiet li ġejjin:

L-opinjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija hija li standard aċċettabbli għall-professjoni ta' *arkitett* f'termini ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi jinkiseb permezz ta' kombinazzjoni ta' edukazzjoni akkademika u esperjenza professjonali skont l-istandard internazzjonali għal mill-inqas 5 snin ta' studju fuq bażi full-time f'università jew istituzzjoni edukattiva komparabbli, li twassal għat-tlestija b'suċċess ta' eżami ta' livell universitarju għall-kisba ta' kwalifika u mill-inqas sentejn ta' taħriġ professjonali, li jkunu ċċertifikati, rispettivament, u dan ikun attestat b'ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti. Il-Bulgarija tenfasizza li hija l-applikazzjoni ta' dak l-istandard internazzjonali li tippermetti rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifika professjonali ta' *arkitett* u t-taħriġ relatat għal minimu ta' tul ta' żmien u l-ikkomplementar tal-edukazzjoni akkademika b'esperjenza professjonali.

Il-professjoni ta' *arkitett* hija waħda mill-professjonijiet li għandhom impatt dirett fuq il-ħajja u s-saħħa tal-bnedmin. Id-disinji tal-bini, li jiġu elaborati minn arkitetti, għandhom jagħtu garanzija lis-soċjetà li l-kostruzzjonijiet li jirriżultaw minn dawk id-disinji ser jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u r-reżistenza tal-bini għal tagħbijiet operazzjonali u sismiċi, ser jipprovdu użu mingħajr periklu tal-bini u sikurezza min-nar, ser joħolqu ambjent ta' għajxien tajjeb għas-saħħa li jissalvagwardja l-ħajja u s-saħħa tan-nies, kif ukoll il-preservazzjoni tal-ambjent.

Bħalissa, ir-rekwiżiti għall-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi tal-arkitetti huma ħafna drabi aktar minn dak li kien meħtieġ 15-il sena ilu biex wieħed jipprattika l-professjoni ta' *arkitett* u għadhom qed jiżdiedu, u jinkludu oqsma u dixxiplini ġodda. Din il-bażi tinkiseb fuq livell akkademiku. F'dan is-sens, mhuwiex utli li jkun hemm aspirazzjoni għal tnaqqis kontinwu tal-volum u t-tul ta' żmien tal-edukazzjoni akkademika, meta jitqies il-volum dejjem jiżdied ta' eżiti tat-tagħlim. Il-Bulgarija tesprimi l-biża' tagħha li r-regolamentazzjoni minima ser tnaqqas il-kompetittività tal-arkitetti Ewropej f'xi swieq globali, minħabba li l-istandard internazzjonali huwa taħriġ akkademiku ta' ħames snin.

Il-Bulgarija tistqarr it-tħassib tagħha dwar il-fatt li fl-emendi proposti ma ġietx stabbilita l-formulazzjoni preċiża għall-modernizzazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali fir-rigward tar-rekwiżiti minimi komuni bil-għan li jinħoloq qafas standardizzat komuni għat-taħriġ fil-kors speċjalizzat fl-*Arkitettura*, kif ukoll rekwiżiti standardizzati għat-tul ta' żmien, il-kontenut u l-kontroll tal-perijodu ta' taħriġ professjonali, kif ukoll għan-nuqqas ta' perijodu ta' taħriġ, jekk ikun hemm perijodu ta' ħames snin ta' taħriġ fil-kors speċjalizzat fl-*Arkitettura*. Il-Bulgarija ssostni l-pożizzjoni tagħha dwar il-ħtieġa għal perijodu ta' taħriġ professjonali għal tul ta' żmien ta' sentejn, taħt is-superviżjoni ta' arkitett reġistrat jew korp kompetenti ieħor, għaliex huwa preċiżament dan il-perijodu ta' taħriġ li jagħti għarfien prattiku f'ambjent ta' xogħol reali għall-gradwati mill-kors speċjalizzat fl-*Arkitettura*, li huwa differenti mill-ambjent ta' xogħol fl-universitajiet. Il-perijodu ta' taħriġ li huwa previst wara t-tielet sena ta' taħriġ ma jistax jitqabbel fil-kwalità mal-perijodu ta' taħriġ taħt is-superviżjoni ta' arkitett reġistrat jew korp kompetenti li jsir wara li jitlesta t-taħriġ fil-kors speċjalizzat fl-*Arkitettura*.

<table>
<tr><td>Direttiva 2013/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta’ batteriji u ta’ akkumulaturi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta’ batteriji u akkumulaturi portabbli li jkun fihom il-kadmju maħsuba għall-użu f’għodda elettriċi mingħajr fil, u ta’ ċelluli buttuna li fihom kontenut baxx ta’ merkurju, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/603/KE<br><br>ĠU L 329, 10/12/2013, p. 5–9</td><td>PE-CONS 55/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br><br>Astjenew: EE</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni<br>Il-Kummissjoni ssostni li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li tinvoka l-Artikolu 5§4, is-subparagrafu 2, il-punt b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f’każ ta’ ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta’ prinċipju li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata ebda opinjoni.<br>Meta wieħed iqis li r-rikors għas-subparagrafu 2, il-punt b), huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5§4, dan ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat.<br>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati<br>Il-Kummissjoni tieħu nota tal-ftehim milħuq bejn il-koleġiżlaturi dwar l-Artikolu 1(8)(b). Madankollu, tfakkar li l-Artikolu 290 għandu jiġi interpetat li jfisser li l-Kummissjoni hija awtonoma fit-tħejjija u l-adozzjoni tal-atti delegati. Il-premessa standard dwar il-parir espert fil-Ftehim Komuni bejn it-tliet istituzzjonijiet hija riflessjoni ta’ dik l-interpretazzjoni. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li dan il-prinċipju ma ġiex rispettat u tenfasizza li l-każ preżenti ma jistax jikkostitwixxi preċedent.<br>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-verżjoni konsolidata<br>Il-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha li tikkuntattja l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet bil-ħsieb li jkun hemm verżjoni konsolidata tad-Direttivi 2006/66/KE mħejjija fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta’ batteriji u akkumulaturi portabbli li jkun fihom il-kadmju maħsuba għall-użu f’għodda elettriċi mingħajr fil.</td></tr>
</table>

<table>
<tr>
<td>Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE<br>ĠU L 330, 10/12/2013, p. 1-20</td>
<td>PE-CONS 59/13</td>
<td>Maġġoranza kwalifikata</td>
<td>L-Istati Membri kollha favur minbarra:<br>Astjenew: DE, EE, PL<br>Kontra: BG, CY, MT</td>
</tr>
<tr>
<td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru u Malta<br>L-Istati Membri imsemmijin hawn fuq jirrikonoxxu li r-riċiklaġġ tal-bastimenti jqajjem sfidi ambjentali sinifikattivi, li għandhom jiġu indirizzati. Madankollu, ma nistgħux naqblu li approċċ reġjonali huwa l-aktar mod xieraq ta' kif wieħed jipproċedi. Fid-dawl tan-natura minnha nfisha globali tas-settur tat-trasport bil-baħar u d-dritt tas-sidien tal-bastimenti li jibdlu l-istat tal-bandiera tal-bastimenti tagħhom, kien ikun aħjar li kieku d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ġiet marbuta mad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Ħong Kong.<br>Barra min hekk, il-limitu ta' 2.5 miljun tunnellata ta’ spostament ħafif ("light displacement tonnes") fl-Artikolu 32 huwa baxx wisq sabiex tingħata assigurazzjoni li fil-fatt ser ikun possibbli li wieħed jikkonforma mar-Regolament ladarba dan jibda japplika.</td>
</tr>
<tr>
<td colspan="4">Dikjarazzjoni minn Ċipru<br>Ċipru jiddispjaċih għan-nuqqas ta' inklużjoni ta' formulazzjoni aktar espliċita fl-Artikolu 16 (4) tar-Regolament, rigward l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari, li jipprevedi aċċess nondiskriminatorju għal faċilitajiet ta' riċiklaġġ għal bastimenti li jtajru l-bandiera ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE.<br>Ċipru jqis li n-nuqqas ta' referenza bħal din ma jfissirx li l-Kummissjoni tista' tapprova faċilitajiet ta' riċiklaġġ għal bastimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi, bħat-Turkija, li japplikaw miżuri diskriminatorji għal bastimenti assoċjati ma' kwalunkwe Stat Membru. Approvazzjoni bħal din tikser il-prinċipju tal-ugwaljanza u għalhekk titqies bħala illegali.<br>F'dan il-kuntest, u flimkien mal-prinċipji ddikjarati fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, Ċipru jfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, u fid-Dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha tal-21 ta' Settembru 2005, u jenfasizza l-obbligu ta' implimentazzjoni nondiskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u t-Turkija, fil-konfront tal-Istati Membri kollha.<br>L-issoktar ta' miżuri restrittivi applikati mit-Turkija vis-a-vis ir-Repubblika ta' Ċipru, flimkien mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ser jolqtu l-ekonomija u l-industrija tat-trasport bil-baħar ta' Ċipru b'mod negattiv. Bastimenti assoċjati ma' Ċipru ser jiġu esklużi mill-faċilitajiet ta' riċiklaġġ approvat mill-UE fit-Turkija, u b'hekk jiġu limitati l-opzjonijiet tar-riċiklaġġ tagħhom. It-tnaqqis inevitabbli ta' reġistrazzjonijiet mir-reġistru tat-trasport bil-baħar ta' Ċipru ser iwassal għal tnaqqis fid-dħul. L-industriji tal-ġestjoni tal-portijiet u tat-trasport bil-baħar ukoll ser jieħdu daqqa sinifikattiva, minħabba li s-sidien tal-bastimenti ser jagħżlu li jevitaw li jużaw lil Ċipru bħala ċentru.<br>Ċipru, għaldaqstant, jappella lill-Kummissjoni biex tirrispetta bir-reqqa l-prinċipju tal-ugwaljanza meta tfassal il-lista ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti. Ċipru jirriżerva d-drittijiet kollha tiegħu, inkluż fejn adatt rimedju legali, biex jiżgura li l-prinċipju ta' ugwaljanza jiġi rispettat.</td>
</tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja**<br>Il-Polonja tirrikonoxxi li l-prassi tar-riċiklaġġ tal-bastimenti f'xi partijiet mid-dinja tqajjem tħassib serju ta' sigurtà u ambjentali u teħtieġ soluzzjonijiet urġenti u effettivi.<br>Il-Polonja temmen ukoll li t-trasport marittimu bħala settur ta' natura intrinsikament globali jeħtieġ miżuri usa' minn regolamenti unilaterali tal-UE. Konsegwentement, il-Polonja kienet qed iżżomm lura milli tagħti l-appoġġ tagħha għal regolament tal-UE dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u minflok argumentat favur sforz miftiehem biex jiġi ffaċilitat dħul fis-seħħ aktar bikri tal-Konvenzjoni ta' Ħong Kong għal riċiklaġġ ta' bastimenti sikur u li jħares l-ambjent. Aħna nemmnu li l-problema ta' riċiklaġġ perikoluż ta' bastimenti tista' tiġi ttrattata b'mod effettiv biss permezz ta' dħul fis-seħħ bikri tal-Konvenzjoni u l-infurzar tagħha.<br>Il-Polonja tapprezza ferm li t-test finali tar-Regolament dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti huwa allinjat b'mod estensiv mal-Konvenzjoni u jista' jiffaċilita l-aġġustamenti futuri tad-dritt tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Ħong Kong.<br>Madankollu, il-Polonja għadha tiddubita li l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-Regolament kif stipulati fl-Artikolu 32 huma ottimali. Id-data ta' applikazzjoni fil-paragrafu 1(b) tonqos milli tiggarantixxi li l-konformità mar-Regolament ser tkun possibbli minħabba n-nuqqas probabbli tal-kapaċità ta' riċiklaġġ disponibbli u l-fatt li ma hemm ebda rabta soda mal-Konvenzjoni ta' Ħong Kong.<br>B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja ma tistax tappoġġa r-Regolament u tastjeni milli tivvota. |
| **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**<br>Il-Ġermanja għadha mħassba dwar jekk ir-Regolament jistax jagħti xi kontribut biex jilħaq l-għan tiegħu, peress li ma jistax iwaqqaf lis-sidien tal-bastimenti milli jkomplu jirreġistraw il-bastimenti taħt bandiera mhux tal-UE meta dawn ikunu ser jiżżarmaw, u b'hekk iżommu l-prattika eżistenti tagħhom. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni**<br>Il-Kummissjoni ssostni li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li tinvoka l-Artikolu 5(4), is-subparagrafu 2, il-punt b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f'każ ta' ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata ebda opinjoni.<br>Meta wieħed iqis li r-rikors għas-subparagrafu 2, il-punt b), huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(4), dan ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat. |
| **Dikjarazzjoni mil-Latvja**<br>Il-Latvja taqbel mal-abbozz ta' Regolament u tirrikonoxxi l-isfidi ambjentali relatati mal-prattiki ta' riċiklaġġ tal-bastimenti. Fl-istess ħin, il-Latvja temmen li reġim globali stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Ħong Kong ikun aktar effettiv fir-rigward tan-natura globali tas-settur tat-trasport bil-baħar u l-aspetti ta' kompetittività tal-portijiet tal-UE.<br>F'dan ir-rigward il-Latvja tixtieq tistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex waqt li tħejji r-rapport dwar il-fattibbiltà ta' strument finanzjarju li jiffaċilita r-riċiklaġġ sikur u tajjeb tal-bastimenti skont l-Artikolu 29 u l-Premessa 19 tal-abbozz ta' Regolament tivvaluta wkoll l-influwenza ta' kwalunkwe tali miżura possibbli fuq il-kompetittività tal-portijiet tal-UE meta mqabbla ma' portijiet li jinsabu fi Stati Membri li mhumiex fl-UE fl-istess reġjun. |

<table>
<tr><td>Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna"<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 171-200</td><td>PE-CONS 64/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur minbarra:<br>Astjenew: HU, PL</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni minn Malta, ir-Renju Unit, is-Slovenja u Ċipru<br>Fl-ispirtu ta' kompromess, Malta, ir-Renju Unit, is-Slovenja u Ċipru jistgħu jaċċettaw il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari adottata fl-24 ta' Ottubru 2013 rigward il-proposta dwar Programm Ġenerali ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna", sa fejn din tirrifletti l-eżitu tat-trilogu informali tad-19 ta' Ġunju 2013, li sussegwentement ġiet approvata mill-Coreper fis-26 ta' Ġunju 2013. Madankollu, Malta, ir-Renju Unit, is-Slovenja u Ċipru għadhom imħassba fir-rigward tar-referenzi għall-istabbiliment ta' miri dwar l-użu tal-art li jinsabu fil-paragrafi 25 u 28(vi) tal-Anness. L-istabbiliment ta' objettivi ewlenin għall-użu tal-art diġà qed jiġi diskuss fil-kuntest tal-portafolli dwar il-Koeżjoni Territorjali u l-Iżvilupp Urban. Malta, ir-Renju Unit, is-Slovenja u Ċipru jemmnu li l-applikazzjoni ta' tali miri għandha tibqa' l-prerogattiva tal-Istati Membri fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet u d-diversitajiet tat-territorji</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Ġermanja<br>Mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2010 'l quddiem, il-Ġermanja kienet fost dawk l-Istati Membri li ħeġġew lill-Kummissjoni Ewropea tfassal is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (is-Seba' EAP). Il-Ġermanja kienet ukoll fost dawk id-delegazzjonijiet li pproponew ukoll titjib differenti għat-test u dejjem urew l-akbar flessibbiltà. Madankollu, il-Ġermanja hija fost dawk l-Istati Membri li jibqgħu tal-fehma li l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas għall-Protezzjoni tal-Ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE kif imressqa mill-Kummissjoni Ewropea fl-2006 ma tirrappreżentax strument proporzjonat, adegwat u li jħares 'il quddiem għall-protezzjoni tal-ħamrija fil-livell tal-UE.<br>L-approċċi nazzjonali jew reġjonali bil-għan tal-protezzjoni tal-ħamrija jvarjaw ħafna minħabba tendenzi differenzjati ħafna tal-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art. Għalkemm f'livelli li jvarjaw fl-UE, diġà sar progress biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħamrija, inklużi l-identifikazzjoni ta' siti kontaminati u l-iżvilupp ta' sistemi ta' monitoraġġ. Għandha ssir enfasi fuq it-tisħiħ ta' dawn l-isforzi bl-iskambju tal-aħjar eżempji ta' prassi u aktar żvilupp tal-linji gwida, b'kont meħud bis-sħiħ tad-differenzi reġjonali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà.</td></tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni minn Franza, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija u r-Renju Unit**<br>Franza, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija u r-Renju Unit huma fost dawk id-delegazzjonijiet li jappoġġaw l-eżitu tat-trilogi informali dwar is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (is-Seba' EAP). Franza, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija u r-Renju Unit kienu wkoll fost dawk id-delegazzjonijiet li pproponew ukoll titjib differenti għat-test u wrew flessibbiltà massima matul in-negozjati. Huwa fl-ispirtu ta' kompromess li nistgħu nappoġġaw il-formulazzjoni tas-Seba' EAP propost fir-rigward ta' Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija. Madankollu, Franza, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija u r-Renju Unit huma fost dawk id-delegazzjonijiet li jibqgħu tal-fehma li l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas għall-Protezzjoni tal-Ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE kif imressqa mill-Kummissjoni Ewropea fl-2006 ma tirrappreżentax strument proporzjonat, adegwat u li jħares 'il quddiem għall-protezzjoni tal-ħamrija fil-livell tal-UE.<br>L-approċċi nazzjonali jew reġjonali bil-għan tal-protezzjoni tal-ħamrija jvarjaw ħafna minħabba tendenzi differenzjati ħafna tal-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art. Għalkemm f'livelli li jvarjaw fl-UE, diġà sar progress biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħamrija, inklużi l-identifikazzjoni ta' siti kontaminati u l-iżvilupp ta' sistemi ta' monitoraġġ. Għandha ssir enfasi fuq it-tisħiħ ta' dawn l-isforzi bl-iskambju tal-aħjar eżempji ta' prassi u aktar żvilupp ta' linji gwida, b'kont meħud bis-sħiħ tad-differenzi reġjonali u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. |
| **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja**<br>Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja mhumiex f'pożizzjoni li jallinjaw ruħhom mal-formulazzjoni tal-paragrafu 33 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 dwar il-qafas tal-UE għall-klima u l-enerġija wara l-2020, li jiddikjara *li jeħtieġ li l-UE <u>tipprovdi "qafas u objettiv(i) ċari u legalment vinkolanti</u> biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa fuq medda ta' żmien medju u fit-tul, fit-tnaqqis tal-emissjonijiet, fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli. Għalhekk jeħtieġ li l-Unjoni tqis l-alternattivi ta' politika biex twettaq il-qalba lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju b'mod gradwali u kosteffettiv<u>, filwaqt li tqis l-istadji indikattivi stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali għal Ekonomija b'Livelli Baxxi ta' Karbonju sal-2050, li għandu jservi bħala bażi għal aktar ħidma.</u> Il-Green Paper dwar qafas għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija għall-2030*[1] *tirrappreżenta pass importanti f'dan ir-rigward."*<br>Skont ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja din il-formulazzjoni mhix konsistenti mal-paragrafu 4 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013, li jgħidu li l-Kunsill Ewropew irriżerva d-dritt li jiddiskuti u jiddeċiedi dwar l-għażliet ta' politika differenti. Il-konklużjonijiet jiddikjaraw biċ-ċar li *"l-Kunsill Ewropew [...] ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'Marzu 2014 wara li l-Kummissjoni tippreżenta proposti aktar konkreti u l-Kunsill ikun iddiskuta l-għażliet ta' politika f'dak ir-rigward"*<br>Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja jirrikonoxxu l-importanza tal-Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020, iżda madankollu l-ebda objettiv ta' prijorità stabbilit fil-programm m'għandu jippreġudika l-eżitu ta' negozjati attwali u futuri dwar il-politika tal-UE għall-klima u l-enerġija. |

[1] COM(2013)0169.

| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**<br>L-objettivi ta' prijorità stabbiliti fil-programm ta' azzjoni ġenerali attwali huma bla preġudizzju għan-negozjati futuri tal-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawk l-objettivi. Kwalunkwe miżura jew modifika ġdida għall-oqfsa legali eżistenti għandha titqies fil-konfigurazzjoni adatta tal-Kunsill u tiġi adottata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat. | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| 2013/676/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta’ Novembru 2013 li tawtorizza lir-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 316, 27/11/2013, p. 31–32 | 15127/13 |
| 2013/677/UE: Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta’ Novembru 2013 li tawtorizza lil-Lussemburgu jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 316, 27/11/2013, p. 33-34 | 15128/13 |
| 2013/678/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta’ deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 316, 27/11/2013 | 15129/13 |
| 2013/679/UE: Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-15 ta’ Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżuri ta’ deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 316, 27/11/2013, p. 37-38 | 15130/13 |
| 2013/680/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Renju tad-Danimarka u r-Renju tal-Isvezja biex jestendu l-applikazzjoni ta' miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 168, 169, 170 u 171 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 316, 27/11/2013, p. 39-40 | 15131/13 |

| | |
|---|---|
| 2013/681/UE: Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-15 ta’ Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2007/884/KE li tawtorizza lir-Renju Unit ikompli japplika miżura ta’ deroga mill-Artikoli 26(1)(a), 168 u 169 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 316, 27/11/2013, p. 41-42 | 15132/13 |
| 2013/671/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2013 dwar l-iffirmar tal-Ftehim, f'isem l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Franċiża li jikkonċerna l-applikazzjoni, f'dak li jirrigwarda l-kollettività ta' Saint-Barthélemy, tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-taxxa fuq it-tfaddil u l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa<br>ĠU L 313, 22/11/2013, p. 1-2 | 15148/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2012 tal-Eurojust | 14919/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-monitoraġġ tal-provvista tad-droga fl-Unjoni Ewropea | 15189/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/659/PESK tal-15 ta’ Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja<br>ĠU L 306, 16/11/2013, p. 15-16 | 14078/13 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1153/2013 tal- 15 ta’ Novembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 147/2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja<br>ĠU L 306, 16/11/2013, p. 1 - 2 | 14265/13 REV 1 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/661/PESK tal-15 ta’ Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 306, 16.11.2013, p. 18–20 | 15809/13 |
| Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1154/2013 tal-15 ta’ Novembru 2013 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 306, 16.11.2013, p. 3-6 | 15811/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/660/PESK tad-15 ta’ Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika<br>(EUCAP NESTOR)<br>ĠU L 306, 16.11.2013, p. 17-17 | 14634/13 |

| | |
|---|---|
| 2013/672/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għal perijodu ta’ sentejn<br>ĠU L 313, 22.11.2013, p. 3-3 | 14581/13 REV 1 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni żżomm il-pożizzjoni tagħha u għaldaqstant hija topponi l-emenda tal-Kunsill li tibdel il-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)a bl-Artikolu 43 (mingħajr ma semmiet il-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(6)a.<br>Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-"Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) għandu jintuża bħala l-bażi legali korretta f'dawk il-każijiet fejn ftehimiet tas-sajd internazzjonali għandhom jiġu konklużi bil-kunsens tal-Parlament Ewropew minħabba li l-bażi legali materjali tal-Artikolu 43(2) tiddetermina r-rekwiżit tal-kunsens tal-Parlament Ewropew skont il-bażi legali operattiva tal-Artikolu 218(6)(a). | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-emendi għall-Ftehim li jistabbilixxi l-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM), ir-Regoli ta' Proċeduri għall-GFCM u r-Regolamenti Finanzjarji għall-GFCM | 13821/13 REV 1 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>"Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva." | |
| 2013/720/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta’ Novembru 2013 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk<br>ĠU L 328, 7.12.2013, p. 1-1 | 14161/13 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1270/2013 tal- 15 ta’ Novembru 2013 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk<br>ĠU L 328, 7.12.2013, p. 40-41 | 14164/1/13 REV 1 |

**Dikjarazzjoni mid-Danimarka**

Id-Danimarka tenfasizza l-importanza tal-kontribut tal-UE għall-konservazzjoni tar-riżorsi u s-sostenibbiltà ambjentali billi s-sajd isir biss fuq riżorsi żejda u bil-prevenzjoni ta' sajd eċċessiv ta' stokkijiet skont il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd. Id-Danimarka tfakkar fid-direttivi ta' negozjar stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 biex il-Kummissjoni tingħata mandat biex tiftaħ negozjati għal protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Marokk.

Id-Danimarka tqis li fit-test tal-protokoll mhuwiex iddokumentat biżżejjed li hija żgurata ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, speċjalment li s-sajd għandu jsir biss meta jkun hemm iż-żejjed. B'hekk, ġestjoni sostenibbli tidher li tiddependi b'mod sħiħ fuq ġestjoni tas-sajd fil-Marokk, il-miżuri ta' ġestjoni reġjonali u l-kollaborazzjoni bejn l-UE u l-Marokk.

Id-Danimarka tenfasizza wkoll li l-Unjoni għandha tippromwovi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi meta tidħol fi ftehimiet bilaterali. Madankollu, dawn l-aspetti mhumiex iddikjarati b'mod ċar fil-Protokoll tal-Marokk bħal fil-protokolli l-oħra dwar is-sajd fil-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd.

Huwa ta' importanza kbira li tiġi rrispettata l-liġi internazzjonali, inkluż li r-riżorsi tas-sajd ikunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni lokali, inkluż fis-Saħara tal-Punent. Fl-opinjoni tad-Danimarka, il-konformità mal-liġi internazzjonali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem jiddependu fuq l-implimentazzjoni konkreta tal-protokoll mill-awtoritajiet Marokkini.

Għal dawn ir-raġunijiet, id-Danimarka tivvota kontra l-proposti għall-iffirmar, il-konklużjoni tal-Protokoll il-ġdid u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda**

Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda huma tal-opinjoni li l-proposti biex jiġġedded il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Renju tal-Marokk jinkludu elementi li jindirizzaw tħassib li ġie espress qabel.

Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jagħtu importanza fundamentali lir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll.

Fil-prinċipju, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jilqgħu l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet fil-Protokoll dwar il-kompiti ta' ppjanar u rappurtar tal-Marokk fir-rigward tad-distribuzzjoni reġjonali tal-fondi, speċjalment fir-rigward tal-benefiċċji ekonomiċi u soċjali mistennija u d-distribuzzjoni ġeografika ta' dawn il-benefiċċji.

Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jitolbu lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Kunsill b'mod komprensiv u regolari dwar ir-rendimenti li jaslu mill-popolazzjoni tas-Saħara tal-Punent b'riżultat tal-ftehim. Għandu jiġi żgurat li l-popolazzjoni Sahrawi tas-Saħara tal-Punent tingħata wkoll sehem adatt, u sehem li huwa konformi mal-interessi tagħha, fir-riżorsi finanzjarji li jirriżultaw mill-ftehim.

L-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut huwa tal-ogħla prijorità għall-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda. Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jitolbu lill-Kummissjoni biex tiżgura li, fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli, isiru kontrolli regolari tal-istokkijiet u tal-opportunitajiet tas-sajd u li l-Kunsill jiġi infurmat bir-riżultati ta' dawn il-kontrolli kif meħtieġ.

L-iffirmar tal-Protokoll huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni li ilha ssostni l-UE rigward l-istatus tas-Saħara tal-Punent. F'dan l-isfond u fid-dawl tal-possibbiltajiet mogħtija skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jqisu li huwa aċċettabbli li l-Protokoll jiġi ffirmat.

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Irlanda**<br>L-Irlanda ngħaqdet mal-Ġermanja u l-Awstrija f'dikjarazzjoni separata fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Renju tal-Marokk. Dik id-dikjarazzjoni tenfasizza l-importanza fundamentali tar-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, inkluża d-distribuzzjoni reġjonali tal-fondi. L-Irlanda tirriżerva l-pożizzjoni tagħha dwar il-Konklużjoni globali tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Renju tal-Marokk. | |
| **Dikjarazzjoni mill-Finlandja**<br>Fir-rigward tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet u r-Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, il-Finlandja ma tistax tappoġġa d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u r-Regolament, u tastjeni.<br>F'konformità mal-prinċipji tal-liġi internazzjonali, inkluż id-dritt għall-awtodeterminazzjoni, is-sovranità permanenti fuq riżorsi naturali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-Finlandja tenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu l-interessi u l-opinjoni tal-poplu fis-Saħara tal-Punent. Il-gwadann ekonomiku li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Protokoll għandu jkun ta' benefiċċju għall-poplu fir-reġjun tas-Saħara tal-Punent.<br>Il-Finlandja tqis li huwa essenzjali li l-Kummissjoni Ewropea tirrapporta fil-waqt u b'mod komprensiv lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-proġetti magħżula fil-Kumitat Konġunt u lill-benefiċċji maħluqa minn dawn il-proġetti fir-reġjun tas-Saħara tal-Punent. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 1/2013 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-appoġġ tal-UE lill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel kien effettiv u effiċjenti fiż-żieda tal-valur lill-prodotti agrikoli?" | 14885/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE | 15442/13 |
| **It-3273 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fit-18 u d-19 ta' Novembru 2013** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| 2014/163/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta’ Novembru 2013 dwar il-konklużjoni ta’ Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta’ Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fil-programmi tal-Unjoni<br>ĠU L 89, 25/03/2014, p. 6-6 | 15256/13 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/668/PESK tat- 18 ta' Novembru 2013 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fil-qasam tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-qafas tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea kontra l-proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva<br>ĠU L 310, 20/11/2013 | 14635/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/71/PESK tat-18 ta' Novembru 2013 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika taċ-Ċilì f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet<br>ĠU L 40, 11/02/2014, p. 1-1 | 13734/13 |
| 2014/15/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2013 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet<br>ĠU L 14, 18/01/2014, p. 1-1 | 14904/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tuneżija | 16196/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja | 16192/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impatt reġjonali tal-kriżi tas-Sirja | 16194/13 |

| It-3274 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret fi Brussell fid-19 ta' Novembru 2013 | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
| Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 - Approvazzjoni tat-test konġunt tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni: Figuri skont l-intestaturi baġitarji - Sezzjonijiet oħra | 16106/13<br>+ ADD 1<br>+ ADD 2<br>+ ADD 3<br>+ ADD 4<br>+ ADD 5 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: DK, NL, SE, UK |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni konġunta dwar l-approprjazzjonijiet għal pagamenti**<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru fir-responsabbiltà kondiviża tagħhom, kif stabbilit fl-Artikolu 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li *"il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li jkun hemm disponibbli l-mezzi finanzjarji sabiex jippermettu li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi"*.<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ifakkru fil-ħtieġa li tiġi żgurata, fid-dawl tal-implimentazzjoni, il-progressjoni ordnata tal-pagamenti sabiex tiġi evitata kwalunkwe ċaqliqa mhux normali tal-impenji pendenti ("RAL") għal fuq il-baġit tal-2015. F'dan ir-rigward, huma ser ikollhom rikors, meta adatt, għad-diversi mekkaniżmi ta' flessibbiltà inklużi fir-Regolament QFP, fost l-oħrajn fl-Artikolu 13 tiegħu.<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li jiffissaw il-livell tal-approprjazzjonijiet għal pagamenti għall-2014 għal EUR 135 504 613 000. Huma jitolbu lill-Kummissjoni tniedi kwalunkwe azzjoni meħtieġa, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' Regolament QFP u r-Regolament Finanzjarju, sabiex tiġi koperta r-responsabbiltà assenjata mit-Trattat u, b'mod partikolari, wara li tkun ġiet eżaminata l-possibilità ta' riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet rilevanti, b'referenza partikolari għal kwalunkwe sottoimplimentazzjoni mistennija ta' approprjazzjonijiet (Regolament Finanzjarju Artikolu 41§2) biex titlob approprjazzjonijiet ta' pagamenti addizzjonali f'baġit emendatorju jekk l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-2014 mhumiex suffiċjenti biex ikopru n-nefqa.<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu pożizzjoni dwar kwalunkwe abbozz ta' baġit emendatorju malajr kemm jista' jkun sabiex jevitaw kwalunkwe nuqqas fl-approprjazzjonijiet ta' pagament. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw malajr kwalunkwe trasferiment possibbli ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż minn intestatura tal-qafas finanzjarju għal oħra, sabiex isir l-aħjar użu possibbli tal-approprjazzjonijiet ta' pagament imdaħħla fil-baġit u jallinjawhom mal-eżekuzzjoni u l-ħtiġijiet attwali.<br>Matul is-sena, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jimmonitorjaw b'mod attiv l-istat tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-2014, b'mod partikolari taħt is-sottointestatura 1b (Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali) u l-iżvilupp rurali taħt l-intestatura 2 (Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali). Dan ser jieħu l-għamla ta' laqgħat interistituzzjonali ddedikati, f'konformità mal-Punt 36 tal-Anness għall-Ftehim Interistituzzjonali, sabiex isir rendikont tal-implimentazzjoni ta' pagamenti u l-previżjonijiet riveduti. |
| **Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar approprjazzjonijiet ta' pagament**<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jfakkru fil-ħtieġa għal flessibbiltà speċifika u massima fil-QFP 2014-2020. Il-bidliet għall-bażijiet legali proposti li ġew maqbula mill-awtorità leġislattiva ser iwasslu għal aktar pressjoni fuq il-limiti massimi ta' pagament taħt il-QFP 2014-2020. Fil-kuntest tal-finalizzazzjoni tal-pakkett leġislattiv għall-politika ta' Koeżjoni 2014-2020 u b'kont meħud tal-impatt possibbli tal-inizjattiva dwar l-SMEs, il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni dwar l-impatt tal-qbil milħuq dwar ir-riserva ta' prestazzjoni u l-livelli ta' prefinanzjament, fuq il-ħtiġijiet ta' pagamenti. Filwaqt li l-impatt globali ta' dawn il-bidliet għall-approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali fil-QFP 2014-2020 huwa maħsub li jibqa' limitat, il-Kummissjoni ddikjarat li l-varjazzjonijiet annwali fil-livell globali tal-pagamenti jiġu ġestiti permezz tal-użu tal-marġini globali għall-pagamenti. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tirrikorri wkoll għall-Istrument ta' Flessibbiltà u l-Marġini ta' Kontinġenza li ntlaħaq qbil dwarhom fl-abbozz tar-Regolament dwar il-QFP.<br>Għaldaqstant, il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi miżuri korrettivi fid-dawl tal-implimentazzjoni, billi jintużaw, safejn meħtieġ, l-għodod kollha offruti mill-QFP l-ġdid. B'mod speċifiku, matul l-2014, il-Kummissjoni jista' jkollha tipproponi li tirrikorri għall-Marġini ta' Kontinġenza, f'konformità mal-Artikolu 13 tal-abbozz tar-Regolament dwar il-QFP. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar approprjazzjonijiet ta' pagament**<br>Il-Kunsill jfakkar li l-istrumenti speċjali jistgħu jiġu attivati biss biex jiġu indirizzati ċirkostanzi ġenwinament mhux previsti.<br>Huwa jfakkar li l-Marġini ta' Kontinġenza ma għandux iwassal biex jinqabżu l-limiti massimi tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament .<br>Fir-rigward ta' strumenti speċjali oħra, il-Kunsill ifakkar li l-Artikolu 3(2) tal-abbozz tar-Regolament dwar il-QFP jiddikjara li l-approprjazzjonijiet ta' impenn jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi tal-intestaturi rilevanti. |
| **Dikjarazzjoni konġunta dwar l-aġenziji deċentralizzati**<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru fl-importanza li jitnaqqsu b'mod gradwali l-għadd ta' persunal tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE b' 5 % fuq perijodu ta' 5 snin, kif maqbul fil-Punt 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar l-amministrazzjoni finanzjarja tajba.<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li b'mod progressiv iwettqu t-tnaqqis ta' 5 % fl-għadd ta' persunal imsemmi hawn fuq għall-perijodu 2013-2017 waqt li jinsistu wkoll fuq il-funzjonament tajjeb tal-aġenziji sabiex dawn ikunu jistgħu jaqdu l-kompiti li ġew assenjati lilhom mill-awtorità leġislattiva. F'dan ir-rigward, huma jqisu li jistgħu ikunu meħtieġa miżuri addizzjonali, inklużi wħud strutturali, sabiex jitwettaq dan it-tnaqqis fir-rigward tal-aġenziji deċentralizzati. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tissokta l-valutazzjoni tagħha ta' possibilitajiet tal-fużjoni u/jew l-għeluq ta' xi wħud mill-aġenziji eżistenti, u/jew modi oħrajn ta' kif jinkisbu sinerġiji.<br>Minbarra l-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali, li rriżultat fl-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati maqbul f'Lulju 2012, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-ħtieġa għal skrutinju aktar mill-qrib u aktar permanenti tal-iżvilupp tal-aġenziji deċentralizzati sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti. Mingħajr ħsara għall-prerogattivi rispettivi tagħhom, huma jaqblu li jistabbilixxu grupp ta' ħidma interistituzzjonali speċifiku bil-għan li tiġi definita triq ta' żvilupp ċara għall-aġenziji, ibbażata fuq kriterji oġġettivi. B'mod partikolari, il-Grupp għandu jiddiskuti:<br>– L-evalwazzjoni tat-tabelli tal-persunal każ b'każ;<br>– Modi sabiex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet u persunal adegwati u għal kompiti addizzjonali, assenjati lil aġenziji individwali mill-awtorità leġislattiva;<br>– It-trattament ta' aġenzija li huma ffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-miżati;<br>– L-istruttura amministrattiva ta' aġenziji, mudelli ta' finanzjament, trattament ta' dħul assenjat;<br>– Valutazzjoni mill-ġdid ta' ħtiġijiet; fużjonijiet/għeluq potenzjali; trasferiment ta' kompiti lill-Kummissjoni.<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu kont dovut tar-riżultati miksuba mill-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali fid-deliberazzjonijiet tagħhom bħala awtorità leġislattiva u baġitarja. |
| **Dikjarazzjoni konġunta dwar l-intestatura 5 u l-aġġustamenti għas-salarji**<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li sakemm jinqatgħu l-każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-approprjazzjonijiet relatati mal-aġġustamenti għas-salarji proposti ta' 1.7 % għall-2011 u 1.7 % għall-2012 ma jiġux inklużi f'dan l-istadju fil-baġit għall-2014.<br>Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi favur il-Kummissjoni, il-Kummissjoni ser tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju fl-2014 sabiex tkopri l-aġġustamenti għas-salarji proposti, għat-Taqsimiet kollha. F'xenarju bħal dan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jaġixxu malajr dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju rilevanti. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE**<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li jeżaminaw it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet għar-Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea mill-baġit tal-Kummissjoni (Taqsima III) għall-baġit tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (Taqsima X) fil-kuntest tal-proċedura baġitarja għall-2015. | | | |
| Abbozz emendat ta' baġit emendatorju Nru 9 għall-baġit ġenerali għall-2013 | 16107/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: DK, NL, SE, UK |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| 2014/94/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità<br>ĠU L 48, 19/02/2014, p. 8–8 | 16108/14 |
| 2013/692/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2013 dwar it-tnedija ta’ skambju awtomatizzat ta’ data fir-rigward ta’ Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fis-Slovakkja<br>ĠU L 319, 29/11/2013, p. 7–7 | 15520/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri Mlaqqgħin fil-Kunsill dwar Addendum għall-Memorandum ta' Qbil bejn il-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kunsill Federali Svizzeru tas-27 ta' Frar 2006 (Kontribuzzjoni Finanzjarja mill-Isvizzera għall-benefiċċju tal-Kroazja) | 15581/13 |
| Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013 tad-19 ta’ Novembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja<br>ĠU L 315, 26/11/2013, p. 2–26 | 15382/13 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1181/2013 tad-19 ta’ Novembru 2013 dwar l-iffissar ta’ rata ta’ aġġustament għall-pagamenti diretti previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2013 u li jirrevoka r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 964/2013<br>ĠU L 313, 22/11/2013, p. 13–14 | 15397/13<br>L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Kontra: EL, IT, CY, LV, PL u PT |

<table>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>Wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill biex tiġi ffissata r-rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti fir-rigward tas-sena kalendarja 2013, il-Kunsill kien tal-fehma li l-proposta tal-Kummissjoni tista' tiġi adottata abbażi tal-Artikolu 43(3) TFUE u mingħajr ma jintuża l-Artikolu 18(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 li huwa meqjus bħala bażi legali "derivata".<br>Il-Kummissjoni tiddikjara li hija tqis li l-użu tal-Artikolu 43(3) għall-iffissar tar-rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti fir-rigward tas-sena kalendarja 2013 ma jikkostitwixxix preċedent għall-futur. Kif previst fir-Regolament Orizzontali futur, l-Artikolu 43(2) TFUE ser ikun il-bażi legali għall-iffissar tar-rata għat-tnaqqis tal-pagament dirett fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja, filwaqt li l-aġġustamenti possibbli ta' dik ir-rata qabel l-1 ta' Diċembru ser jiġu ffissati mill-Kummissjoni.</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mil-Latvja dwar id-dixxiplina finanzjarja fl-2013<br>Il-Latvja tastjeni fil-votazzjoni dwar ir-Regolament tal-Kunsill li jiffissa rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2013. Il-Latvja temmen bis-sħiħ li r-rata ta'korrezzjoni għad-dixxiplina finanzjarja applikata fuq ammonti ta' pagamenti diretti għall-2013 għandha tkun fil-livell ta' EUR 5000, u b'hekk tapplika għal dawk il-bdiewa li jirċievu aktar minn EUR 5000.</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mill-Polonja dwar id-dixxiplina finanzjarja fl-2013<br>Matul id-diskussjonijiet fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd, il-Polonja argumentat b'mod konsistenti li l-limitu li jeżenta lil dawk li jirċievu pagamenti diretti mill-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja għandu jinżamm għal EUR 5 000.<br>B'kont meħud tad-dikjarazzjoni[2] tal-Kummissjoni Ewropea tat-30 ta' Ġunju 2003 u l-proposta[3] inizjali tagħha tal-25 ta' Marzu 2013, kif ukoll il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew[4] tat-12 ta' Ġunju 2013 u d-distribuzzjoni tal-voti fil-Kunsill, il-Polonja hija tal-fehma li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni Ewropea[5] tad-9 ta' Ottubru 2013 huma diffiċli biex wieħed jifhimhom jew jaċċettahom politikament. Bit-tnaqqis tal-limitu minn EUR 5 000 għal EUR 2 000, ser jitnaqqsu l-pagamenti diretti lil miljun bidwi ieħor fl-UE, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri l-inqas prosperi.<br>Il-Polonja hija tal-fehma li jkun raġonevoli li tiġi applikata dixxiplina finanzjarja fl-istess grupp ta' bdiewa skont kif ikunu affettwati bil-modulazzjoni, speċjalment minħabba li d-dixxiplina finanzjarja għandha tkun avveniment ta' darba fil f'termini tal-implikazzjonijiet finanzjarji għall-bdiewa affettwati.</td></tr>
<tr><td>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1180/2013 tad-19 ta' Novembru 2013 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2014 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku<br>ĠU L 313, 22/11/2013, p. 4–12</td><td>15169/13<br>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
</table>

2 Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja- Anness IV għad-dokument 10961/03 tat-30 ta' Ġunju 2003.
3 Proposta tal-KE, COM(2013) 159, 25 ta' Marzu 2013.
4 Riżoluzzjoni leġislattiva tal-PE tat-12 ta' Ġunju 2013.
5 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 964/2013 tad-9 ta' Ottubru 2013.

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni minn DE, DK, FI, EE, LV, LT, SE, PL dwar il-Barbun tat-Tbajja' fis-suddiviżjonijiet 22-32**<br>L-Istati Membri kkonċernati huma kommessi li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw preċiżjoni akbar tal-valutazzjoni tal-qabda għal dan l-istokk filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-obbligi li jirreġistraw id-data dwar ir-rimi intier tal-barbun tat-tbajja'. | |
| **Dikjarazzjoni minn DE, DK, FI, EE, LV, LT, SE, PL dwar is-Salamun fil-Golf tal-Finlandja**<br>L-Istati Membri kkonċernati huma kommessi bis-sħiħ għall-miżuri meħtieġa għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tas-salamun selvaġġ fil-Golf tal-Finlandja. B'mod partikolari, l-EE ser tkompli l-miżuri ta' ġestjoni stretti u mmirati fl-ilmijiet kostali, kif ukoll fix-xmajjar tas-salamun u l-iżbokki tagħhom, per eżempju, il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-mogħdijiet tal-ħut, ir-restawr tal-ħabitat, attivitajiet ta' ripopolazzjoni tal-istokkijiet u miżuri ta' protezzjoni għas-sostenn tal-istokkijiet tas-salamun selvaġġ fil-passaġġi migratorji tiegħu kif irrakkomandat mill-ICES. FI ser tkompli bir-rilaxx kompensatorju tal-salamun bil-pinna maqtugħa u żżomm fis-seħħ l-użu tas-sajd bix-xbieki trap-net fl-ilmijiet kostali tal-Finlandja li l-mira tiegħu huwa għas-salamun min dawn ir-rilaxxi. Il-Finlandja ser tibda wkoll tippjana l-kostruzzjoni eventwali ta' passaġġi għall-ħut fuq ix-xmara Kymijoki sabiex jiġi sostnut lir-riproduzzjoni naturali tal-istokk tas-Salamun Neva li ġie introdott. | |
| **Dikjarazzjoni minn DE, DK, FI, EE, LV, LT, SE, PL dwar il-Laċċa l-kaħla fis-Suddiviżjonijiet 22-32**<br>L-Istati Membri kkonċernati qablu li s-sajd fil-livell tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) għandu jintlaħaq sal-2015 għall-istokkijiet pelaġiċi fil-Baħar Baltiku. Bl-applikazzjoni ta' approċċ gradwali fil-moviment tal-livell tal-MSY meta tkun qed tiġi stabbilita t-TAC għal-laċċa l-kaħla fl-2014, l-Istati Membri huma konxji bis-sħiħ li aġġustamenti ulterjuri għal-livell tat-TAC għandhom jiġu rrispettati fl-2015, sabiex tintleħaq il-mira t'hawn fuq. | |
| **Dikjarazzjoni minn DE, DK, FI, EE, LV, LT, SE, PL dwar il-miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet baxxi tas-salamun**<br>L-Istati Membri kkonċernati u l-Kummissjoni jaqblu li l-istokkijiet baxxi tas-salamun jeħtieġu miżuri mmirati biex jiġi sostnut l-irkupru tagħhom. Fuq inizjattiva tal-Finlandja u l-Isvezja, l-Istati Membri kkonċernati ser jikkunsidraw il-possibiltajiet għal miżuri ta' ġestjoni tas-sajd immirati li jkopru l-baħar, l-ilma intern u jikkontrollaw l-isforzi li jsostnu l-irkupru tal-istokkijiet baxxi tas-salamun. L-Istati Membri kkonċernati ser jikkunsidraw dawn il-miżuri meta jippreparaw għall-adozzjoni tat-TAC tas-salamun tal-2015 għall-Baċir Ewlieni u l-Golf ta' Bothnia. | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1182/2013 tad- 19 ta' Novembru 2013 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 754/2009, (UE) Nru 1262/2012, (UE) Nru 39/2013 u (UE) Nru 40/2013 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd<br>ĠU L 313, 22/11/2013, p. 15–29 | 16109/13<br>L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjoni: PL |

<table>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mill-Kunsill<br>Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa għal aktar diskussjonijiet dwar kif l-aħjar jiġu applikati l-possibbiltajiet ta' flessibbiltà li jirriżultaw minn konsultazzjonijiet mal-Istati Kostali. B'dan il-mod ser jittieħed kont tal-esperjenza miksuba sal-lum u mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju kif ukoll l-interazzjoni tiegħu mar-regoli eżistenti relatati mal-flessibilità.</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mill-Polonja<br>Il-Polonja tirringrazzja lill-Presidenza għal kontribut biex tinsab soluzzjoni għal problema teknika importanti fir-rigward tal-flessibilità interannwali kkawżata mit-tibdil fl-interpretazzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-2012 dwar Opportunitajiet Esterni tas-Sajd.<br>Madankollu, jiddispjaċina ninnotaw li s-soluzzjoni proposta ma tippreċiżax kif għandhom jiġu ttrattati l-kwoti skambjati fl-applikazzjoni futura tal-Artikolu l-ġdid 6a mill-Kummissjoni. Minħabba dan ta' hawn fuq, il-Polonja ma tistax tappoġġaha u tastjeni mill-vot.</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 6a<br>Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Kunsill għażel li jerġa' jintroduċi fl-Artikolu 6a mekkaniżmu ta' flessibbiltà speċjali għal seba' stokkijiet pelaġiċi kondiviżi man-Norveġja billi mmodifika r-regolament dwar l-opportunitajiet ta' sajd internazzjonali għall-2013 (Regolament (UE) Nru 40/2013).<br>Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt li għandha tiġi ppjanata soluzzjoni aktar stabbli sabiex tipprevedi mekkaniżmu bħal dan.<br>Il-Kummissjoni tiġbed ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill għar-riskji tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' flessibbiltà deskritt fl-Artikolu 6a fil-prattika, li ser jagħmlu l-Istati Membri li jagħżlu li jużaw l-Artikolu. Taħt l-ebda ċirkostanzi m'għandha l-applikazzjoni tal-Artikolu 6a twassal għal żieda mhux ġustifikata tal-kwota, b'mod partikolari f'dawk li huma trasferimenti.</td></tr>
<tr><td>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall</td><td>15373/13<br>+ COR 1<br>+ COR 2<br>+ COR 3</td></tr>
<tr><td>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-Portugall</td><td>15787/13</td></tr>
</table>

| **It-3275 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, KULTURA U SPORT), li saret fi Brussell fil-25 u s-26 ta' Novembru 2013** | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta’ Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea (“Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija”)<br>ĠU L 344, 19/12/2013, p. 1–118 | 14907/13 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar in-nuqqas ta' qbil fil-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni tal-Artikolu 47 propost dwar Ġestjoni ta' Żbalji Amministrattivi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-iskop ta' dak l-Artikolu kien biex jiġi espliċitament ikkonfermat fid-Deċiżjoni li jekk f'każ ta' żball mill-awtoritajiet kompetenti tal-OCT fil-ħruġ ta' ċertifikati u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, u fejn dan l-iżball iwassal għal telf li jaffettwa d-dazji tal-importazzjoni tal-Unjoni, l-Istat Membru li miegħu l-OCT li jkun wettaq l-iżball għandu relazzjonijiet speċjali, għandu jikkumpensa l-baġit tal-Unjoni għat-telf imġarrab.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-piż finanzjarju ta' tali telf imġarrab m'għandux jitħallas mill-baġit tal-Unjoni u b'hekk mill-Istati Membri l-oħrajn kollha.

Il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikolu 4(3) tat-TUE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha adatti sabiex ikun żgurat it-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati. Wieħed minn dawk l-obbligi huwa marbut mal-Artikolu 29 tat-TFUE li jistipula li d-dazji doganali li huma pagabbli għandhom jiġu mposti. Ir-rifjut ta' Stat Membru li jikkumpensa t-telf ta' fondi li kellhom jinġabru u magħmula disponibbli jxekkel il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni u għalhekk ifixkel l-ekwilibriju finanzjarju tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jassumu r-responsabbiltà finanzjarja li tirriżulta mir-relazzjoni speċjali mal-OCTs tagħhom elenkati fl-Anness II tat-TFUE. Għalkemm l-Artikolu propost m'għandux għalhekk jiġi inkluż fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kontenut tiegħu huwa f'konformità mal-obbligi li diġà jeżistu tal-Istati Membri taħt it-Trattati. Il-Kummissjoni qiegħda tapplika dan l-approċċ legali f'każijiet attwali ta' telf imġarrab f'każ ta' żbalji mill-awtoritajiet kompetenti tal-OCT u ser tkompli tapplikah f'każijiet futuri.

**Dikjarazzjoni mid-Danimarka**
Id-Danimarka, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit jinnotaw il-proposti li saru mill-Kummissjoni biex jiġi inkluż artikolu dwar il-Ġestjoni ta' Żbalji Amministrattivi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea.
Il-Kummissjoni kienet ipproponiet li l-Istat Membru li miegħu OCT għandu relazzjoni speċjali, għandu jikkumpensa l-baġit tal-Unjoni għat-telf imġarrab f'każ li l-OCT ikun wettaq l-iżball. Din il-proposta ma ġietx inkluża fid-deċiżjoni minħabba nuqqas ta' qbil fil-Kunsill. Id-Danimarka, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit jixtiequ jenfasizzaw li għall-Istat Membru li miegħu OCT għandu relazzjoni speċjali ma hemm l-ebda obbligu legali ġenerali li l-Istat Membru għandu jikkumpensa l-baġit tal-Unjoni għal telf imġarrab għal azzjonijiet li għalihom l-OCT ikkonċernat għandu setgħat awtonomi.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Globali ta' Navigazzjoni Ċivili bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukraina | 15717/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-Tmintax-il Laqgħa Ordinarja tal-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Barċellona għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran, rigward il-proposta għall-emendar tal-Annessi II u III tal-Protokoll dwar Żoni Protetti b'mod Speċjali u d-Diversità Bijoloġika fil-Mediterran u rigward il-proposta għall-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni Reġjonali dwar l-Iskart fil-Baħar | 15987/1/13 REV 1 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni | 16531/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/698/PESK tal-25 ta' Novembru 2013 b'appoġġ għal mekkaniżmu ta' globali rappurtar dwar armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċtiti u armi konvenzjonali oħrajn u munizzjoni illeċiti biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tagħhom<br>ĠU L 320, 30/11/2013, p. 34–42 | 14877/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż il-limitu massimu għall-2015, l-ammont għall-2014 u l-ewwel ħlas parzjali għall-2014 | 15699/13 |
| 2013/695/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi<br>ĠU L 320, 30/11/2013, p. 7–7 | 15553/13 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tmexxija effettiva fl-edukazzjoni | 15587/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni globali tal-edukazzjoni għolja Ewropea | 15117/1/13 REV 1 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali ta' żgħażagħ barra mill-impjieg, l-edukazzjoni, jew it-taħriġ | 15770/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-ambjent diġitali | 15774/13 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni transettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa | 15575/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-isport għall-ekonomija tal-UE, u b'mod partikolari għat-trattament tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-inklużjoni soċjali | 15757/13<br>15757/13 COR 1 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-26 ta' Novembru 2013** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT/ DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/685/PESK tas-26 ta’ Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 316, 27/11/2013, p. 46–49 | 16163/13 |
| Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1203/2013 tas-26 ta’ Novembru 2013 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 316, 27/11/2013, p. 1–5 | 16164/13 |